**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**IMĦALLEF**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM l-Erbgħa, 22 ta' Marzu, 2017**

**Kawża Nru 8**

**Rikors Nru. 137/2017JRM**

**HSBC BANK MALTA p.l.c.** (C-3177)

vs

**PDK INVESTMENTS LIMITED** (C-8443)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-14 ta' Frar, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-kumpanija rikorrenti talbet li l-Qorti terġa' tagħmel eżekuttiv il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono tat-12 ta' Mejju, 2011 (Dok HSBC 1) li bih il-kumpanija intimata kienet ikkostitwiet lilha nnifisha debitriċi ċerta u likwida tal-Bank rikorrenti u dan billi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-imsemmi kuntratt sar eżekuttiv, bis-saħħa ta' interpellazzjoni b'ittra uffiċjali tas-7 ta' Settembru, 2012 (Dok HSBC 2);

Rat li l-kumpanija intimata, notifikata, ma ppreżentatx risposta u lanqas dehret għar-rikors meta ssejħet il-kawża;

Rat li l-kumpanija rikorrenti kkonfermat bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u ddikjarat li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tal-kumpanija rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' it-talba ta' l-istess rikorrenti billi tirrendi l-imsemmi kuntratt mill-ġdid eżegwibbli.

Bl-ispejjeż kontra l-kumpanija intimata.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Marzu, 2017**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**22 ta' Marzu, 2017**